# IL-LEBLIEB

*Joseph Sultana*

Fil-gżejjer Maltin insibu numru mhux ħażin ta' speċi ta' leblieba: uħud minn dawn huma rari, oħrajn jinstabu jikbru kullimkien. Waħda mill-aktar komuni hija l-leblieba tar-raba'. L-għeruq ta' din il-pjanta jinżlu fil-fond ħafna tant li, jekk din tinqata' minn wiċċ il-ħamrija, terġa' ttella'. Huwa għalhekk li l-bdiewa tinkwetahom għax, meta jaħartu, mhux faċli jeħilsu minnha.

Hemm leblieb li hu annwali: jiġifieri jiddependi miż-żerriegħa biex jerġa' jtella' s-sena ta' wara; kif ukoll hemm dak li hu perenni, jiġifieri li jibqa' ħaj minn sena għall-oħra. Il-fjuri tal-leblieba huma fjuri solitarji, forma ta' trumbetta b'kulur li jvarja bejn abjad, roża, aħmar u anke ikħal. Huma miġbura fil-familja **Convolvulaceae**, u nsibu wħud minnhom b'zokk twil kapaċi jaqbad mal-blat, mal-ħitan u ma' kull xorta ta' zkuk oħra.

Il-leblieb hu ferm adattat għall-ħamrija u l-klima tal-gżejjer Maltin. Il-fjuri tiegħu jattiraw numru ta' insetti. Infatti, il-Baħrija tal-Leblieba tbid fuq il-leblieba. Din il-baħrija hija waħda mill-akbar baħrijiet tal-gzejjer Maltin. Hija b'saħħitha u tpassi mill-Affrika għall-Ewropa kull sena. Minbarra li ddakkar il-fjuri tal-leblieba, din il-baħrija tbid taħt il-weraq ta' dawn il-pjanti. Ix-xagħat li jfaqqas jiekol il-weraq u, wara li jikber kemm għandu jikber, jidħol fil-ħamrija fejn jagħmel il-fosdqa.

Insibu wkoll li dawn il-pjanti, speċjalment il-Leblieba tal-Blat u l-Leblieba tar-Raba', jintużaw ukoll fil-mediċina bħala purgattivi. Infatti missirijietna kienu jgħallu l-weraq u l-għeruq u kultatnt anke jgħaffġuhom u jisħquhom. Iżda nstab li doża qawwija minn dawn is-sustanzi twassal għal avvelenament.



*Baħrija tal-Leblieba*




JOSEPH SULTANA
RABAT
1995

Numru ta' speċi tal-leblieba ma jidhirx li qiegħed fil-periklu li jinqered, għal-kemm oħrajn qegħdin viċin il-qerda kompleta u oħrajn għebu għalkollox. Hemm diversi perikli għal-leblieba: barrieri għal dawk li jikbru fix-xagħri; nassaba li jqaċċtu l-pjanti u jbixxu bil-bexx velenuż; pressjoni kbira fuq dawk li jikbru viċin il-baħar. Fil-fatt, dawn ta' l-aħħar huma l-aktar rari u jinqerdu bla rażan minn dawk kollha li għand-hom xi interess fix-xtut tal-baħar, kemm interess spekulattiv kif ukoll rikreattiv.

Il-leblieba, bħall-pjanti slavaġ l-oħra, ukoll tisfa vittma ta' dawk li jinġibdu lejn is-sbuħija tagħha u jqaċċtuha biex jeħduha għalihom. L-apprezzament tal-fjuri slavaġ fl-ambjent naturali tagħhom huwa l-uniku mod biex wieħed jissodisfa ruħu u biex il-pjanti jistgħu jibqgħu jsebbħu wiċċ artna. Xi wħud mil-leblieb li nistgħu niltaqgħu magħhom huma:

**Il-Leblieb Ikħal**

Minħabba s-sbuħija tiegħu kultant jiġi kkultivat; infatti hawn varjetà li hija kkultivata u oħra li hija selvaġġa; iżda jinstab jikber fis-selvaġġ ukoll bħal fil-Buskett, San Pawl il-Baħar, u l-Wardija. Il-Leblieb Ikħal jikber ukoll fil-punent u fit-tramuntana ta' l-Affrika, kif ukoll fi Sqallija u f'Malta.




paġni 16 u 17:
*1. Leblieb tal-Blat.*
*2. Leblieb tar-Raba'.*
*3. Leblieb Ikħal.*
*4. Leblieb Rar.*
*5. Leblieb ta' Sqallija.*
*6. Kampanella Selvaġġa.*
*7. Leblieb tar-Ramel.*

## Il-Leblieb tal-Blat

Dan il-Leblieb huwa komuni ferm u jinstab jikber kullimkien, kemm mal-ħitan tas-sejjieħ fix-xagħri, kif ukoll fil-widien. Il-fjuri roża tiegħu jifformaw twapet ta' kulur li jiġbdu l-għajn. Il-Leblieb tal-Blat jinstab f'żewġ varjetajiet: dik li hija robusta bil-pil mifrux mal-pjanta kollha u bil-weraq wesgħin u bil-fjuri bin-nofs skur (*Convolvulus altheoides*) u oħra iktar misluta, bil-weraq dojoq u l-fjuri bin-nofs ċar (*Convolvulus tenuissimus*).

## Il-Leblieb tar-Raba'

Il-Leblieb tar-Raba' huwa l-aktar komuni u jikber kullimkien. Ħaġa interessanti hija li l-fjura tal-Leblieb tar-Raba' tvarja, daqqa tkun bajda u daqqa roża ċara.

## Il-Leblieb ta' Sqallija

Dan il-leblieb ma tantx hu komuni. Għandu fjura kaħla bi ftit isfar fin-nofs. Jixbhu xi ftit hemm tip ta' leblieb ieħor żgħir (*Convolvulus pentapetaloides*).

## Il-Leblieb Rar

Il-Leblieb Rar jikber fix-xagħri tal-punent ta' Malta. Dan huwa perenni. Għandu l-fjura roża ċar, u zokk li fil-qiegħ tiegħu għandu kisja pil wieqaf. Huwa rari ħafna u dan l-aħħar instab jikber ukoll fl-inħawi tal-Fididien.



*Leblieb Ikħal*



*Leblieb tal-Blat*



*Leblieb tar-Raba'*



*Leblieb ta' Sqallija*



*Leblieb Rar*

**Il-Leblieb ta' l-Irdum**
Jikber qrib il-baħar. Dan hu arbuxxell u jikber fuq zokk iebes u jkollu fjuri roża.

**Il-Leblieb Abjad**
Il-Leblieb Abjad, li jkun ċatt ma' l-art, ukoll jikber qrib il-baħar fuq zokk iebes u twil sa xi ħamsa u għoxrin ċentimetru. Tikber Malta, Kemmuna, u anke Għawdex.

Uħud mil-leblieb għandhom qishom weraq taħt il-fjuri (il-brakti) kbar, tant li jgħattu s-sepali. Dawn jisimhom *Calystegia*, li bil-Grieg tfisser 'kikkra mgħottija'. Dawn jinkludu:

**Il-Leblieb tar-Ramel**
Il-Leblieb tar-Ramel huwa wieħed minn dan il-grupp. Għandu weraq kemxejn imlaħħma u l-fjura roża. Kien jinstab fit-tramuntana ta' Malta, bħall-Marfa, it-Torri ta' l-Armier u l-Aħrax, imma ilu ma jidher mhux ħażin u x'aktarx li nqered bl-iżvilupp li sar f'dawn l-inħawi.

**Il-Kampanella Salvaġġa**
Il-Kampanella Salvaġġa hija speċi oħra minn dan il-grupp. Din hija rari ferm u l-fjuri tagħha huma roża mnaqqxa bl-abjad. Tinstab tikber l-iżjed fil-Buskett. ❑


*Leblieb ta' l-Irdum*


*Leblieb Abjad*


*Leblieb Tar-Ramel*


*Kampanella Salvaġġa*